REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/158

tad-29 ta' Jannar 2025

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-aċetamiprid f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) Il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") għas-sustanza attiva aċetamiprid ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") biex tipprovdi dikjarazzjoni dwar il-proprjetajiet tossikoloġiċi u l-MRLs tal-aċetamiprid u l-metaboliti tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(3) Fid-dikjarazzjoni tagħha ([3]), l-Awtorità stabbiliet doża aċċettabbli ta' kuljum ("ADI") aktar baxxa u doża akuta ta' referenza ("DAR") aktar baxxa għall-aċetamiprid u inkludiet il-metabolit IM-2-1 fid-definizzjoni tar-residwi għall-valutazzjoni tar-riskji tal-aċetamiprid fl-għelejjel tal-frott u tal-weraq.

(4) L-Awtorità identifikat qbiż tal-ARfD bl-MRLs għall-passolina, il-banana, il-ħass, l-iskalora/l-indivja tal-weraq wiesa', l-ispinaċi u l-weraq tas-selq. L-Awtorità kkonsultat lill-Istati Membri u talbithom jirrapportaw Prattiki Agrikoli Tajbin ("GAPs") ta' riżerva potenzjali, awtorizzati fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi u diġà evalwati fil-livell tal-Istati Membri, li ma jwasslux għal riskju inaċċettabbli għall-konsumaturi. Ma kien hemm l-ebda GAP ta' riżerva rrapportata. Għalhekk jixraq li l-MRLs għal dawn il-prodotti bażiċi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jitbaxxew għal-limitu ta' determinazzjoni ("LOD") rilevanti.

(5) L-Awtorità identifikat ukoll qbiż tal-ARfD bl-MRLs għan-naspli, iċ-ċirasa, il-ħawħ, l-għeneb tal-mejda u tal-inbid, it-tut tal-għollieq, il-lampun, il-mirtill, il-cranberries, ir-ribes bix-xewk, it-tut tas-sebuqa, iż-żebbuġ tal-mejda, it-tadam, il-brunġiel, il-bettieħ, il-qara' aħmar, id-dulliegħ, il-brokkoli, il-pastard, il-kaboċċi kkapoċċati, il-ħass tal-ħaruf, l-aruka, il-mustarda ħamra, l-ispraġ, il-fwied tal-bovini u ġewwieni ieħor komestibbli tal-bovini. L-Awtorità kkonsultat lill-Istati Membri u talbithom jirrapportaw GAPs ta' riżerva potenzjali, awtorizzati fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi u diġà evalwati fil-livell tal-Istati Membri, li ma jwasslux għal riskju inaċċettabbli għall-konsumaturi. Għal dawn il-prodotti bażiċi, ġew irrapportati l-GAPs ta' riżerva li ma jwasslux għal qbiż tal-ARfD. Għalhekk jixraq li l-MRLs għal dawn il-prodotti bażiċi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jitbaxxew għall-valuri proposti mill-Awtorità.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj).

([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Statement on the toxicological properties and maximum residue levels of acetamiprid and its metabolites; *EFSA Journal* 2024;22:e8759.

(6) L-Awtorità identifikat ukoll qbiż tal-ARfD bl-MRLs għat-tuffieħ, il-lanġas, l-isfarġel, il-berquq, il-bżar ħelu, il-ħjar u z-zukkini. L-Awtorità kkonsultat lill-Istati Membri u talbithom jirrapportaw GAPs ta' riżerva potenzjali, awtorizzati fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi u diġà evalwati fil-livell tal-Istati Membri, li ma jwasslux għal riskju inaċċettabbli għall-konsumaturi. Għal dawn il-prodotti bażiċi, ġew irrapportati l-GAPs ta' riżerva li ma jwasslux għal qbiż tal-ARfD. Madankollu, billi xi informazzjoni ma kinitx disponibbli, kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Għalhekk, filwaqt li l-MRLs għal dawn il-prodotti bażiċi huma meqjusa sikuri, dawn se jiġu rieżaminati. Ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs għal dawn il-prodotti bażiċi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jitbaxxew għall-valuri proposti mill-Awtorità.

(7) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom ġew meqjusa.

(8) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat kif xieraq.

(9) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs il-ġodda, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-19 ta' Awwissu 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-kolonna għall-aċetamiprid hija sostitwita b'dan li ġej:

Residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
"0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**	
0110000	**Frott taċ-ċitru**	0,9
0110010	Grejpfrut	
0110020	Larinġ	
0110030	Lumi	
0110040	Xkomp	
0110050	Mandolin	
0110990	Oħrajn (2)	
0120000	**Ġewż tas-siġar**	0,07
0120010	Lewż	
0120020	Ġewż tal-Brażil	
0120030	Ġewż tal-anakardju	
0120040	Qastan	
0120050	Ġewż tal-Indi	
0120060	Ġellewż	
0120070	Macadamia	
0120080	Ġewż Amerikan	
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	
0120100	Pistaċċi	
0120110	Ġewż	
0120990	Oħrajn (2)	
0130000	**Pomu**	
0130010	Tuffieħ	**0,07(+)**
0130020	Lanġas	**0,07(+)**
0130030	Sfarġel	**0,15(+)**
0130040	Naspli	**0,3**
0130050	Naspli tal-Ġappun	0,8
0130990	Oħrajn (2)	0,8
0140000	**Frott tal-għadma**	
0140010	Berquq	**0,08(+)**

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
0140020	Ċiras (ħelu)	**0,8**
0140030	Ħawħ	**0,08**
0140040	Għanbaqar	0,03
0140990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0150000	**Kukku u frott żgħir ieħor**	
0151000	(a) **għeneb**	**0,08**
0151010	Għeneb tal-mejda	
0151020	Għeneb għall-inbid	
0152000	(b) **frawli**	0,5
0153000	(c) **frott tal-kannamiela**	
0153010	Tut	**0,6**
0153020	Tut salvaġġ	2
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	**0,6**
0153990	Oħrajn (2)	2
0154000	(d) **frott żgħir u kukku oħrajn**	
0154010	Mirtill	**0,7**
0154020	Cranberries	**0,7**
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)	**0,01** (*)
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)	**0,7**
0154050	Warda skoċċiża	2
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)	2
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	0,01 (*)
0154080	Frott tas-sebuqa	**0,5**
0154990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0160000	**Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:**	
0161000	(a) **b'qoxra li tittiekel**	
0161010	Tamal	0,01 (*)
0161020	Tin	0,03
0161030	Żebbuġ tal-mejda	**0,9**
0161040	Lariġ tal-qsari	0,01 (*)
0161050	Karambola	0,01 (*)
0161060	Kaki	0,01 (*)
0161070	Għanbaqar ta' Ġava	0,01 (*)
0161990	Oħrajn (2)	0,01 (*)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
0162000	(b) **b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir**	0,01 (*)
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)	
0162020	Liċċi	
0162030	Frott tal-passjoni	
0162040	Bajtar tax-xewk	
0162050	Tuffieħ stilla	
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja	
0162990	Oħrajn (2)	
0163000	(c) **b'qoxra li ma tittikilx, u kbir**	**0,01** (*)
0163010	Avokado	
0163020	Banana	
0163030	Mango	
0163040	Papaja	
0163050	Rummien	
0163060	Ċerimoja	
0163070	Gwava	
0163080	Ananas	
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż	
0163100	Durian	
0163110	Il-frotta tal-annona	
0163990	Oħrajn (2)	
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**	
0210000	**Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi**	0,01 (*)
0211000	(a) **patata**	
0212000	(b) **ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi**	
0212010	Għeruq tal-kassava	
0212020	Patata ħelwa	
0212030	Jammijiet	
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn (2)	
0213000	(c) **ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa**	
0213010	Pitravi	
0213020	Zunnarija	
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	
0213040	Għeruq tal-mustarda	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
0213050	Artiċokks	
0213060	Zunnarija bajda	
0213070	Tursin ta' Hamburg	
0213080	Ravanell	
0213090	Leħjet il-bodbod	
0213100	Swedes	
0213110	Lift	
0213990	Oħrajn (2)	
0220000	**Ħxejjex tal-basla**	
0220010	Tewm	0,02
0220020	Basal	0,02
0220030	Xalotti	0,01 (*)
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	0,01 (*)
0220990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0230000	**Ħxejjex tal-frott**	
0231000	(a) **Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-*Solanaceae* u tal-familja tal-*Malvaceae***	
0231010	Tadam	**0,06**
0231020	Bżar ħelu	**0,09(+)**
0231030	Brunġiel	0,2
0231040	Bamja	0,2
0231990	Oħrajn (2)	0,2
0232000	(b) **kukurbiti b'qoxra li tittiekel**	
0232010	Ħjar	**0,05(+)**
0232020	Ħjar tal-pikles	0,6
0232030	Zukkini	**0,05(+)**
0232990	Oħrajn (2)	0,3
0233000	(c) **kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx**	
0233010	Bettieħ	**0,08**
0233020	Qara' aħmar	**0,08**
0233030	Dulliegħ	**0,08**
0233990	Oħrajn (2)	0,2
0234000	(d) **qamħirrum ħelu**	0,01 (*)
0239000	(e) **ħxejjex tal-frott oħrajn**	0,2
0240000	**Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
0241000	(a) **Brassika li tagħmel il-fjuri**	
0241010	Brokkli	**0,06**
0241020	Pastard	**0,06**
0241990	Oħrajn (2)	0,4
0242000	(b) **kaboċċi kkapoċċati**	
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	0,05
0242020	Kaboċċa kkapoċċati	**0,03**
0242990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0243000	(c) **brassika bil-weraq**	0,01 (*)
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	
0243020	Kaboċċi ("kales")	
0243990	Oħrajn (2)	
0244000	(d) **ġdur**	0,01 (*)
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	
0251000	(a) **ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata**	
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ	**1,5**
0251020	Ħass	**0,01** (*)
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	**0,01** (*)
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	3
0251050	Krexxuni tal-art	3
0251060	Aruka	**1,5**
0251070	Mustarda ħamra	**0,9**
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	3
0251990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0252000	(b) **spinaċi u weraq simili**	
0252010	Spinaċi	**0,01** (*)
0252020	Burdlieq	0,6
0252030	Weraq tas-selq	**0,01** (*)
0252990	Oħrajn (2)	0,6
0253000	(c) **weraq tad-dwieli u speċijiet simili**	0,01 (*)
0254000	(d) **krexxuni**	0,01 (*)
0255000	(e) **ċikwejra**	0,01 (*)
0256000	(f) **ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	3
0256010	Maxxita	
0256020	Kurrat selvaġġ	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
0256030	Weraq tal-karfus	
0256040	Tursin	
0256050	Salvja	
0256060	Klin	
0256070	Timu	
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu	
0256090	Weraq tar-rand	
0256100	Stregun	
0256990	Oħrajn (2)	
0260000	**Legumi**	
0260010	Fażola (bl-imżiewed)	0,6
0260020	Fażola (bla mżiewed)	0,3
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)	0,6
0260040	Piżelli (bla mżiewed)	0,3
0260050	Għads	0,01 (*)
0260990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**	
0270010	Spraġ	**0,01** (*)
0270020	Kardun	0,01 (*)
0270030	Krafes	0,01 (*)
0270040	Bużbież ta' Firenze	0,01 (*)
0270050	Qaqoċċ	0,7
0270060	Kurrat	0,01 (*)
0270070	Rabarbru	0,01 (*)
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	0,01 (*)
0270090	Qlub tal-palm	0,01 (*)
0270990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**	0,01 (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat	
0280020	Faqqiegħ salvaġġ	
0280990	Ħażiż u likeni	
0290000	**Alka u organiżmi prokarjoti**	0,01 (*)
0300000	**BUS U ĦEMES**	0,15
0300010	Fażola	
0300020	Għads	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
0300030	Piżelli	
0300040	Lupini/fażola tal-lupini	
0300990	Oħrajn (2)	
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**	
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**	
0401010	Żerriegħa tal-kittien	0,01 (*)
0401020	Karawett	0,01 (*)
0401030	Żerriegħa tal-peprin	0,01 (*)
0401040	Ġulġlien	0,01 (*)
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	0,01 (*)
0401060	Żerriegħa tal-lift	0,4
0401070	Fażola tas-sojja	0,01 (*)
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	0,01 (*)
0401090	Żerriegħa tal-qoton	0,7
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar	0,01 (*)
0401110	Żrieragħ tal-għosfor	0,01 (*)
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom	0,01 (*)
0401130	Żerriegħa tal-*camelina sativa*	0,01 (*)
0401140	Qannebusa	0,01 (*)
0401150	Fażola tar-riġnu	0,01 (*)
0401990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0402000	**Frott taż-żejt**	
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt	3
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt	0,01 (*)
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt	0,01 (*)
0402040	Kapok	0,01 (*)
0402990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0500000	**ĊEREALI**	
0500010	Xgħir	0,05
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	0,01 (*)
0500030	Qamħirrum	0,01 (*)
0500040	Millieġ komuni	0,01 (*)
0500050	Ħafur	0,05
0500060	Ross	0,01 (*)
0500070	Segala	0,01 (*)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
0500080	Sorgu	0,01 (*)
0500090	Qamħ	0,1
0500990	Oħrajn (2)	0,01 (*)
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**	0,05 (*)
0610000	**Tejiet**	
0620000	**Kafeni**	
0630000	**Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:**	
0631000	(a) **mill-fjuri**	
0631010	Kamumella	
0631020	Ibisku	
0631030	Ward	
0631040	Ġiżimin	
0631050	Tilju	
0631990	Oħrajn (2)	
0632000	(b) **mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi**	
0632010	Frawla	
0632020	Rooibos	
0632030	Matè/Te tal-Paragwaj	
0632990	Oħrajn (2)	
0633000	(c) **mill-għeruq**	
0633010	Valerjana	
0633020	Ġinseng	
0633990	Oħrajn (2)	
0639000	(d) **minn kull parti oħra tal-pjanta**	
0640000	**Żerriegħa tal-Kawkaw**	
0650000	**Ħarrub**	
0700000	**ĦOPS**	0,05 (*)
0800000	**ĦWAWAR**	
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa	
0810020	Kemmun iswed	
0810030	Karfus	
0810040	Kosbor	
0810050	Kemmun	
0810060	Xibt	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
0810070	Bużbież	
0810080	Fienu	
0810090	Noċemuskata	
0810990	Oħrajn (2)	
0820000	**Ħwawar tal-frott**	
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment	0,05 (*)
0820020	Bżar tas-Sichuan	0,05 (*)
0820030	Karwija	0,05 (*)
0820040	Kardamomu	0,1
0820050	Frott tal-ġnibru	0,05 (*)
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)	0,1
0820070	Vanilja	0,05 (*)
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi	0,05 (*)
0820990	Oħrajn (2)	0,05 (*)
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	0,05 (*)
0830010	Kannella	
0830990	Oħrajn (2)	
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**	
0840010	Għud is-sus	0,05 (*)
0840020	Ġinġer (10)	
0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma	0,05 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda (11)	
0840990	Oħrajn (2)	0,05 (*)
0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**	0,05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol	
0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn (2)	
0860000	**Il-ħwawar ta' qalb il-fjura**	0,05 (*)
0860010	Żagħfran	
0860990	Oħrajn (2)	
0870000	**Ħwawar tal-aril**	0,05 (*)
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata	
0870990	Oħrajn (2)	
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**	0,01 (*)
0900010	Pitravi ħelu	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
0900020	Kannamieli	
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra	
0900990	Oħrajn (2)	
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI**	
1010000	**Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:**	
1011000	(a) **mill-ħnieżer**	
1011010	Muskoli	0,5
1011020	Xaħam	0,3
1011030	Fwied	1
1011040	Kliewi	1
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1
1011990	Oħrajn (2)	0,02 (*)
1012000	(b) **mill-annimali bovini**	
1012010	Muskoli	0,5
1012020	Xaħam	0,3
1012030	Fwied	**0,03**
1012040	Kliewi	1
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**0,05**
1012990	Oħrajn (2)	0,02 (*)
1013000	(c) **min-nagħaġ**	
1013010	Muskoli	0,5
1013020	Xaħam	0,3
1013030	Fwied	1
1013040	Kliewi	1
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1
1013990	Oħrajn (2)	0,02 (*)
1014000	(d) **mill-mogħoż**	
1014010	Muskoli	0,5
1014020	Xaħam	0,3

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
1014030	Fwied	1
1014040	Kliewi	1
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1
1014990	Oħrajn (2)	0,02 (*)
1015000	(e) **mill-ekwini**	
1015010	Muskoli	0,5
1015020	Xaħam	0,3
1015030	Fwied	1
1015040	Kliewi	1
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1
1015990	Oħrajn (2)	0,02 (*)
1016000	(f) **mill-pollam**	
1016010	Muskoli	0,02 (*)
1016020	Xaħam	0,02 (*)
1016030	Fwied	0,1 (*)
1016040	Kliewi	0,1 (*)
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,02 (*)
1016990	Oħrajn (2)	0,02 (*)
1017000	(g) **minn annimali terrestri mrobbijin oħrajn**	
1017010	Muskoli	0,5
1017020	Xaħam	0,3
1017030	Fwied	1
1017040	Kliewi	1
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1
1017990	Oħrajn (2)	0,02 (*)
1020000	**Ħalib**	0,2
1020010	Bhejjem tal-ifrat	
1020020	Nagħaġ	
1020030	Mogħoż	
1020040	Żwiemel	
1020990	Oħrajn (2)	
1030000	**Bajd tal-għasafar**	0,02 (*)
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	
1030030	Wiżż	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Aċetamiprid (R)
1030040	Summien	
1030990	Oħrajn (2)	
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)**	0,05 (*)
1050000	**Amfibji u Rettili**	0,02 (*)
1060000	**Annimali terrestri invertebrati**	0,02 (*)
1070000	**Annimali vertebrati terrestri slavaġ**	0,02 (*)
1100000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)**	
1200000	**PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)**	
1300000	**PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)**	

(*) Jindika l-limitu l-aktar baxx ta' kwantifikazzjoni analitika
([a]) Għal-lista sħiħa tal-prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I
(+) Kombinament ta' pestiċidi u prodotti li għalih teżisti nota f'qiegħ il-paġna. Il-lista ta' noti f'qiegħ il-paġna hija pprovduta hawn taħt.

Aċetamiprid (R)

(R) Id-definizzjoni tar-residwi tvarja għall-kombinamenti li ġejjin tal-pestiċida u n-numru tal-kodiċi: Aċetamiprid - kodiċi 1000000 għajr 1040000: It-total tal-aċetamiprid u N-desmetil-aċetamiprid (IM-2-1), espress bħala aċetamiprid

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi bħala mhux disponibbli. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tintbagħat sad-19 ta' Frar 2027, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.
0130010 Tuffieħ
0130020 Lanġas
0130030 Sfarġel
0140010 Berquq
0231020 Bżar ħelu
0232010 Ħjar
0232030 Zukkini"